**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**
**(Spettur Jonathan Ransley)**
**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Gilbert Busuttil**
**Jesmond Cassar**

**Kumpilazzjoni numru 237/2017**

**Illum 30 ta' Mejju, 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati **Gilbert Busuttil** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 586785 (M) u **Jesmond Cassar** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 509274 (M) billi huma akkuzati:

1. Talli bejn il-lejl tal-25 ta Mejju 2017 u s-26 ta Mejju 2017 ikkomettew serq minn go Automarket service Station gewwa triq l-Mdina Zebbug ghad-detriment ta George Falzon u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin, u bil valur, liema ammont jeccedi mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94);

2. Fl-istess data, hin u lok volontarjament ghamlu hsara, jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, meta ghamlu hsara ghad-detriment ta George Falzon u/jew persuna/i ohra, liema hsara mhux izjed minn elfejn u hames mitt euro (2,500) pero izjed minn mitejn u hamsin euro (250);

3. Talli bejn il-lejl tal-25 ta' Mejju u s-26 ta' Mejju gewwa Triq il-Balbi Marsa u f' dawn il-Gzejjer wara li kontu ikkundannati f Malta ghal- serq, kontu fil-pussess ta' oggetti li ma kienux tal-kundizzjoni taghkhom minghajr ma taghjtu kont sodisfacenti ta kif kienu gew legittimament ghandkhom u dan bi ksur ta Art 287 tal-Kap9 tal- Ligijiet ta Malta.

Lil Gilbert Busuttil wahdu talli, b`diversi atti maghmulin mill-istess Gilbert Busuttil, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda u cioe`:

4. Nhar id- 19 ta' Jannar 2017 ghal- habta tal- 04.30Hrs minn gewwa PitStop service station fi Triq l-Imdina, Attard ikkometta serq ta' flus kontanti, liema serq ma jkunx izjed minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u desghin centezmu (232.94 Euros), liema serq huwa ikkwalifikat bil-' mezz' u bil-'hin', ghad-dannu ta' Franridge Schembri.

5. Fl-istess data , hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fil- 'PitStop service station', liema hsara ma jkunx jiskorri l-elfejn u hames mitt Euro (2,500) izda hija izjed minn mitejn u hamsin Euro (250);

6. Nhar is- 26 ta' Jannar 2017 ghal- habta tal- 23.30Hrs minn gewwa PitStop service station fi Triq l-Imdina, Attard ikkomettew serq ta' flus kontanti, liema serq ma jkunx izjed minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u desghin centezmu (232.94 Euros), liema serq huwa ikkwalifikat bil-' mezz' u bil-'hin', ghad- dannu ta' Franridge Schembri;

7. Fl-istess data , hin, lok u girkostanzi volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fil- 'PitStop service station', liema hsara tiskorri l-elfejn u hames mitt Euro (2,500)

8. Nhar is- 27 ta' Jannar 2017 ghal- habta tal- 03.00Hrs minn gewwa 'Mr. Clean', fi triq in-Naxxar, Iklin ikkomettew serq ta' flus kontanti, liema serq ikun izjed minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u desghin centezmu (232.94 Euros) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu(2,329.37 Euros) liema serq huwa ikkwalifikat bil-'valur', 'mezz' u bil-'hin', ghad-dannu ta' Jurgen Bugeja.

9. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fil- 'Mr. Clean', liema hsara ma jkunx jiskorri l-elfejn u hames mitt Euro (2,500) izda hija izjed minn mitejn u hamsin Euro (250).

10. Nhar il- 31 ta' Jannar 2017 ghal- habta tas- 01.15Hrs minn gewwa 'JAV service station', Fi triq l-Imdina, Qormi ikkomettew serq ta' flus kontanti, liema serq ma jkunx izjed minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u desghin centezmu (232.94 Euros), liema serq huwa ikkwalifikat bil-' mezz' u bil-'hin', ghad- dannu ta' James Meli.

11. Fl-istess data , hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fil- 'JAV service station', liema hsara ma jkunx jiskorri l-

elfejn u hames mitt Euro (2,500) izda hija izjed minn mitejn u hamsin Euro (250);

12. Nhar il- 31 ta' Jannar 2017 ghal- habta tal- 01.40Hrs minn gewwa 'AutoMarket' fi Triq l-Imdina, Zebbug ikkomettew serq ta' flus kontanti, liema serq ikun izjed minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u desghin centezmu (232.94 Euros) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu(2,329.37 Euros) liema serq huwa ikkwalifikat bil-'valur', 'mezz' u bil-'hin', ghad- dannu ta' Joseph Falzon u/jew persuni ohra.

13. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fl- 'AutoMarket', liema hsara ma jkunx jiskorri l-elfejn u hames mitt Euro (2,500) izda hija izjed minn mitejn u hamsin Euro (250);

14. Talli bejn il-lejl tas-27 ta April 2017 u t-28 ta April 2017 ikkometta serq minn go Paul and Rocco Petrol Station gewwa triq L-Msida, Gzira ghad-detriment ta Norbert Buhagiar u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin, liema valur ma jeccedix mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94),

15. Fl-istess data, hin u lok volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, meta ghamel hsara ghad-detriment ta Norbert Buhagiar u/jew persuna/i ohra, liema hsara mhux izjed minn elfejn u hames mitt euro (2,500) pero izjed minn mitejn u hamsin euro (250);

16. Talli bejn il-lejl tal-15 ta Mejju 2017 u s-16 ta Mejju 2017 ikkometta serq minn go Paul and Rocco Petrol Station gewwa triq L-Msida, Gzira ghad-ddetriment ta Norbert Buhagiar u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur, liema valur jeccedi mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94);

17. Fl-istess data, hin u lok volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, meta ghamel hsara ghad-

detriment ta Norbert Buhagiar u/jew persuna/i ohra, liema hsara mhux izjed minn elfejn u hames mitt euro (2,500) pero izjed minn mitejn u hamsin euro (250);

18. Talli bejn il-lejl tas-17 ta Mejju 2017 u t-18 ta Mejju 2017 ikkometta serq minn go Paul and Rocco Petrol Station gewwa triq L-Msida, Gzira ghad-ddetriment ta Norbert Buhagiar u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin, liema valur ma jeccedix mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94);

19. Fl-istess data, hin u lok volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, meta ghamel hsara ghad-detriment ta Norbert Buhagiar u/jew persuna/i ohra, liema hsara mhux izjed minn elfejn u hames mitt euro (2,500) pero izjed minn mitejn u hamsin euro (250);

20. Talli bejn il-lejl tal-21 ta Mejju 2017 u t-22 ta Mejju 2017 Bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq, ura dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, liema serq, kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u bil-hin u cioe minn gewwa Paul and Rocco Petrol Station gewwa triq L-Msida, Gzira ghad-ddetriment ta Norbert Buhagiar u/jew persuna/i ohra;

21. Fl-istess data, hin u lok volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, meta ghamel hsara ghad-detriment ta Norbert Buhagiar u/jew persuna/i ohra, liema hsara mhux izjed minn elfejn u hames mitt euro (2,500) pero izjed minn mitejn u hamsin euro (250);

22. Talli bejn il-lejl tal-21 ta Mejju 2017 u t-22 ta Mejju 2017 ikkometta serq minn go Sterling Petrol Station gewwa triq Testaferrata, Tax-Xbiex ghad-ddetriment ta Charles Mifsud u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin, liema valur ma jeccedix mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94);

23. Fl-istess data, hin u lok volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, meta ghamel hsara ghad-

detriment ta Charles Mifsud u/jew persuna/i ohra, liema hsara mhux izjed minn elfejn u hames mitt euro (2,500) pero izjed minn mitejn u hamsin euro (250);

24. Talli bejn il-lejl tat-22 ta Mejju 2017 u t-23 ta Mejju 2017 ikkometta serq minn go Mr Clean car wash gewwa triq San Mikiel, Iklin ghad-ddetriment ta Jurgen Bugeja u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin, u bil-valur, liema valur jeccedi mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94);

25. Fl-istess data, hin u lok volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, meta ghamel hsara ghad-detriment ta Jurgen Borg u/jew persuna/i ohra, liema hsara mhux izjed minn elfejn u hames mitt euro (2,500) pero izjed minn mitejn u hamsin euro (250);

26. Talli bejn il-lejl tal-24 ta Mejju 2017 u l-25 ta Mejju 2017 ikkometta serq minn go Automarket service Station gewwa triq l-Mdina Zebbug ghad-ddetriment ta George Falzon u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin, u bil valur, liema ammont jeccedi mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94);

27. Fl-istess data, hin u lok volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, meta ghamel hsara ghad-detriment ta George Falzon u/jew persuna/i ohra, liema hsara mhux izjed minn elfejn u hames mitt euro (2,500) pero izjed minn mitejn u hamsin euro (250);

28. Talli bejn il-lejl tal-25 ta Mejju 2017 u s-26 ta Mejju 2017 ikkometta serq pjanci bin-numru ta registrazjoni JGC 392 gewwa triq l-Mdina Zebbug ghad-ddetriment ta George Falzon u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruq u bil-hin;

29. Talli bejn il-lejl tal-25 ta Mejju 2017 u is-26 ta Mejju 2017 Saq vettura bin-numru ta' identifikazzjoni xort'ohra minn dak moghti mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill- Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta dwar xi vettura bil-mutur partikolari, cioe ghamel uzu minn pjanci tan-numri tar-registrazzjoni Nru: JGV 392 ta' vettura

Peugeot Bipper fuq vettura ohra ta' ghamla Fiat Punto li kien qieghed issuq u dan bi ksur ta lartikolu 15(1A) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

30. Bejn is-17 ta April 2017 u l-05 ta Mejju 2017 naqas milli jhares xi wahda, w/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta Gudikatura kriminali, u cioe mill-Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras LLd mid-digriet datat 03 ta Marzu 2017 u li permezz tieghu huwa nghata il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li jiffirma gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun u dan bi ksur ta l-artikoli 579(1) u (2) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

31. Gilbert Busuttil u Jesmond Cassar huma akkuzati ukoll talli fis-26 ta Mejju 2017 u fix-xhur ta qabel saru recedivi ai termini ta l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta Malta, B'senetnzi mill-Qrati ta Malta, liema sentenzi saru definitivi u ma jistghawx jigu mibdula jew imhassra.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet, waqt is-seduta tal-lum, lill-imputati jammettu l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u semghethom jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena fejn kien hemm qbil fuq il-parametri li ghandha timxi maghhom il-Qorti fil-piena li se timponi.

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PIENA**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-*

*dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[1]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[2] dik il-Qorti qalet hekk:

*Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni*

[1] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.
[2] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

*stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe`biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-Hamis 3 ta' Dicembru 2015 fil-kaz Ir-**Repubblika ta' Malta v. Noel Frendo** fejn intqal li:

*"Il-fatt illi persuna tkun inhakmet mill-vizzju tad-droga, pero`, ma jfissirx illi meta jikkommetti reati minhabba dak il-vizzju sabiex isostni l-istess vizzju jista' jigi skużat ghal ghemilu. Aktar ma jkun gravi r-reat, aktar il-hati jqieghed lilu nnifsu f'sitwazzjoni fejn ma jistax jahrab milli jigi punit skont il-ligi. Il-pieni m'ghandhomx biss skop riformattiv iżda ghandhom l-iskop ukoll li jservu ta' deterrent generali."*[3]

[3]Att ta' Akkuża Nru. 29/2009 - S.T.O. Prim Imħallef Silvio Camilleri Onor. Imħallef David Scicluna Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon

Ghalhekk din il-Qorti m'ghandha l-ebda ezitazzjoni illi tikkundanna lill-imputati ghal piena ta' prigunerija li tirrifletti s-serjeta` tar-reati illi huma wettqu, il-fatt li huma ricedivin u bilancjata mas-sens tal-gustizzja illi ghandhom ihossu il-vittmi taghhom.

**Decide:**

Illi ghalhekk in vista tas-suespost din il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputati hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghhom u wara li rat l-artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 261, 263, 267, 269(g), 279(b), 280(2), 287, 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddeciedi li tikkundanna lill-imputat Gilbert Busuttil ghall-piena karcerarja effettiva ta' erbgha u hamsin (54) xahar prigunerija u lil Jesmond Cassar ghall-piena karcerarja effettiva ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija effettiva.

Inoltre, a tenur tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali qieghda tpoggi lill-hatja taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex jinghataw l-ghajnuna kollha mehtiega li hija mehtiega biex jeghlbu l-vizzju tad-droga.

Il-Qorti fehmet bi kliem ċar u li jinftiehem il-portata ta' din l-ordni u l-konsegwenzi li l-ħatja jkollhom jaffaċċjaw fil-każ li huma jonqsu milli jwettqu din l-ordni skont kif ordnat lilhom.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' trattament bid-digrieti ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole.

L-Ufficjal assenjat ghall-hatja għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħatja kull sitt (6) xhur.

Finalment il-Qorti tordna li l-flus konfiskati fl-ammont ta' €147.10 li kienu fuq l-imputati waqt l-arrest taghhom, ghandhom jghaddu ghand il-Fondazzjoni Rise li tiehu hsieb taghti appogg lill-prigunieri biex jidhlu lura fis-socjeta' wara li jkunu skontaw is-sentenzi taghhom.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**